# IT-TIENI PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**13 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Carmela Mallia

*versus*

Beatrice Camilleri et.

**Retratt — Konsangwineità — Art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-konsangwineu għandu dritt jirkupra fond jew parti ta' fond li jiġi aljenat minn konsangwineu ieħor, sakemm dak il-fond ma jkunx ħareġ qatt mill-familja.*

*Jekk il-konsangwineu li għandu dan id-dritt jeżerċita l-istess dritt, imma jilħaq imut qabel ma ssirlu r-rivendizzjoni l-eredi tiegħu jkomplu l-eżerċizzju ta' dritt li kien ġa esperit fil-ħajja tal-awtur tagħhom, u li jifforma parti mill patrimonju ereditarju tiegħu. Dawk l-eredi ma jkunux qegħdin jeżerċitaw dritt ġdid, imma jkunu qegħdin isostnu retratt ġa eżerċitat mill-awtur tagħhom; għalhekk il-paragun tal-konsangwineità għandu jsir, kwantu għall-grad, bejn il-vendi-tur u r-retraent li miet.*

*Konsegwentement, ir-retrattarju ma jistgħax isostni illi t-titolu tal-konsangwineità spiċċa bil-mewt tar-retraent għax dak hu dritt personali u mhux trasferibbli lill-eredi, u illi għal-hekk huwa jista' jinvoka kontra dawk l-eredi l-"jus retentionis" għax hu jiġi fl-istess grad ta' konsangwineità magħhom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Joseph Gatt tat-28 ta' April 1952 l-imsemmi John Vassallo biegħ lill-konvenuti kollha d-dar bit-terran numru 152 u 151 St. Julian's Street, Birkirkara, bil-prezz ta' £700 (dok. A); u illi l-attriċi, b'ċedola tat-28 ta' April 1955 (Dok. B), irku-prat l-imsemmi fond bit-titolu ta' konsangwineità, konsor-

zju u viċinanza; u illi b'ċedola tas-17 ta' Mejju 1955 l-imsemmi John Vassallo eżerċita r-retratt konvenzjonali fuq l-istess dar (Dok. C), u b'kuntratt riċevut minn Nutar Dr. Robert Girard fil-25 ta' Ġunju 1955 (Dok. D) l-istess John Vassallo assenja b'titolu, almenu apparenti, ta' permuta, lill-konvenuti Beatrice Camilleri u Olga Stones, l-istess fond bl-istess valur ta' £700; u billi, kif jirriżulta mill-provi, id-dritt ta' retratt konvenzjonali ġie riżervat u eżerċitat fl-interess, mhux tal-imsemmi John Vassallo, imma fl-interess tal-istess kumpraturi l-konvenuti l-oħra jew ta' ħadd ieħor; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, u speċjalment id-dikjarazzjoni illi l-attriċi eżerċitat validament id-dritt ta' retratt fuq l-imsemmi fond, u illi d-dritt ta' retratt konvenzjonali ġie nullament riżervat u eżerċitat mill-konvenut John Vassallo, u konsegwentement nulla l-permuta segwita bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Girard tal-25 ta' Ġunju 1955, u nulla r-rivendizzjoni tat-30 ta' Mejju 1955; talbet li l-konvenuti, barra minn John Vassallo, jiġu kundannati jirrivendu a favur tal-attriċi l-imsemmija dar u terran sottopost nru. 152 u 151 St. Julian's Street, Birkirkara, suġġetti għall-piżijiet relattivi kif indikati fl-attijiet fuq imsemmija, u dan fiż-żmien li tipprefiġġi l-istess Qorti; u fil-każ li jgħaddi dan iż-żmien inutilment, ir-rivendizzjoni tiġi dikjarata operata a favur tal-attriċi in forza tal-istess sentenza. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-titolu tal-konsangwineità;

Illi dan jirrigwarda biss nofs il-fond "de quo", għaliex, "ex admissis", in-nofs l-ieħor tiegħu ħareġ mill-familja, u l-irkupru għal dan in-nofs sar bit-titolu tal-viċinanza;

Illi ma jidherx kontestat illi n-nofs tal-fond kien jappartjeni lil Innocenza armla minn Giuseppe Vassallo, omm l-attriċi retraenti u Giovanni Vassallo, ħuha; mbagħad, mill-provenjenza traċċjata fil-kuntratt publikat minn Nutar Joseph Gatt fit-28 ta' April 1954 (ara fol. 5 tal-proċess, li għalieh saret riferenza anki mill-konvenuti), l-istess konvenuti jiru li din il-porzjon tal-fond baqgħet dejjem fil-familja; u għalhekk l-attriċi ssodisfat ir-rekwiżiti

tal-art. 1511 tal-Kodiċi Ċivili, u għandha għalhekk favur tagħha t-titolu ta' konsangwineità minnha nvokat;

Illi, però, il-konvenuta Rosina Vassallo nomine, fin-nota tagħha a fol. 181, issottomettiet illi bil-mewt tal-attriċi Carmela Mallia t-titolu tal-konsangwineità spiċċa, għaliex dan it-titolu huwa personali u mhux trasferibbli lill-eredi tagħha, jiġifieri lill-uliedha; u illi dawn, għalhekk, ġew jinsabu fl-istess ġrad ta' konsangwineità mal-konvenuti, li jistgħu jinvokaw il-"jus retentionis";

Illi din l-eċċezzjoni, però, mhix ġuridikament sostenibbli; għaliex l-atturi, eredi ta' Carmela Mallia, qegħdin ikomplu l-eżerċizzju ta' dritt li kien ġie esperit fil-ħajja tal-awtriċi tagħhom, u jifforma parti mill-patrimonju ereditarju tagħha; u kif osservaw l-atturi fin-nota tagħhom fol. 188, huma mhumiex jeżerċitaw dritt ġdid, imma qegħdin isostnu retratt ġa eżerċitat mill-awtriċi tagħhom, u kwindi l-paragun għandu jsir biss bejn il-grad ta' konsangwineità malvenditur u r-retraenti Carmela Mallia;

"Questa azione", jinnota Pothier, "non è trasmissibile agli eredi del congiunto, se non abbiala intentata, perchè tale diritto è accordato alla qualità del congiunto, la quale è personale;......... ma quando il congiunto l'ha intentata, tale azione diventa trasmissibile agli eredi che in tale qualità possono in di li lui vece assumerne l'istanza, secondo questa regola di diritto — 'omnes actiones quae morte, aut tempore pereunt, semel inclusae judicio, salvae permanent'; l'azione del retratto gentilizio colla domanda del retraente formatane entra 'in bonis' di esso" (Tratto dei Retratti, §§19, 20 u 22). U aktar il-quddiem l-istess awtur jirrikonoxxi lill-eredi d-dritt "a proseguire la azione intentata dal congiunto" (op. ċit. §§154 u 191).

Tal-istess fehma hu Corradino, ċitat mill-istess konvenuti, fejn jgħid li "retractus personalis competens consanguineo transit in haeredem si lis fuerit a defuncto contestata". U hekk ikompli jirribadixxi dan il-prinċipju:— "Jus praelationis in judicio deducto perpetuatur quousque durat instantia judicialis" (Tractatus De Jure Praelationis,

Quaestio X, no. 11; Decisiones Sacrae Rotae Romanae X, §6; u XI §19; paġ. 283 u 286);

Illi kwantu għan-nofs l-ieħor tal-fond, il-Qorti għandha bżonn ta' informazzjonijiet oħra dwar it-titolu tal-viċinanza;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-attriċi Carmela Mallia, u l-lum l-atturi wliedha u eredi tagħha, għandhom favur tagħhom it-titolu tal-konsangwineità, skond il-liġi għar-retratt, ta' nofs il-fond "de quo"; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Rosina Vassallo nomine;

U tiddifferixxi l-kawża għat-23 ta' Frar 1961, biex tit-kompla skond il-liġi.